MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 561/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**
**V**

**GEORGE XUEREB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE XUEREB** bin Saviour u Josephine nee Grech imwieled nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju 1956 u li joqghod ‘Sugar Range’, Trejqet Ta' Xurdin, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 34456G, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta’ Lulju 2004, ghall-habta tal-ghaxra neqsin hamsa ta’ filghodu, fil-gnien tar-residenza tieghu ‘Sugar Range’, Trejqet 'Ta' Xurdin, limiti tan-Nadur, Ghawdex offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil oxxen li sar f’lok pubbliku jew lok espost ghal pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil partjiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 **xehdet Madeline Whitehouse** u qalet li dakinhar hi marret ssaqqi l-pjanti li ghandha fil-gallarija u rat lil imputat jimmasturba u qaltlu '*are you doing it again !*' u hu ma rrispondiha xejn.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004 regghet xehdet Madeline Whithouse** li qalet li hija rat lil imputat jimmasturba fl-ghalqa w inhasad meta raha izda ma tax kasha. Spjegat pero li l-imputat kellu z-zip tas-*shorts* li kien liebes miftuh u qaghad jilghab bl-organi genitali tieghu.

Illi nhar il-hdax ta' Novembru 2004 **xehed Jeffrey Whitehouse** u qal li waqt li martu kienet qed issaqqi l-pjanti fil- gallarija, f'daqqa wahda ghajjtet '*stop, we have court next week.*' Spjega li l-imputat kellu s-*shorts* tieghu mnizzel u kien qed jimmasturba quddiem l-mara w imbaghad tellgha l-qalziet u telaq lil hinn.

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 **xehed PS 1424** li qal li Rita Xuereb kienet qaltlu li hi kienet ma huha George, l-imputat. Qal wkoll li hu ma marx jiccekkja l-ghalqa. Qal li mar fuq il-post ma Madeliene Whithouse u din qaltlu li l-imputat kien fil-bitha jaghmel gesti oxxeni.

Illi nhar is-sitta ta' Jannar 2005 **xehdet Rita Camilleri** li qalet li hi kienet d-dar, 10, Triq Bingemma, n-Nadur u marret fl-ghalqa Il-Kortin. Qalet li hi ghaddiet minn hdejh biex taghtih xi bajd li kellhom ziedet tghid li rat kelb fl-ekwati u huha qalilha li hu kien sejjer hdejha w ghalhekk

waqfet. Qalet li fil-fatt l-imputat mar jghinha. Spjegat li baqghet fl-ghalqa sa wara l-ghaxra w nofs ta' filghodu imbaghad marret lura d-dar. Qalet li l-imputat telaq ftit qabilha, sakemm ghabbiet.

Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 **xehed Sammy Camilleri** li qal li l-imputat odjern jigi hu ommu. Qal li fl-ahhar ta' Gunju, hu w ommu u hutu z-zghar kienu sejrin lejn l-ghalqa w ghaddew ghand l-imputat u ommu kellha taghtih xi bajd. Kompla jghid li marru fl-ghalqa bil-vettura taghhom u wara ftit gie l-imputat hdejhom fl-ghalqa u qaghad jghinhom jordmu xi toqob. Qal li dan kien ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu u telqu lura d-dar ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu, hu bil-mutur u huma bil-karozza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodoti jirrizulta dubbju jekk verament l-imputat kienx qed jaghmel dawk il-gesti oxxeni kif deskritti minn Madeline Whitehouse dakinhar tat-tletin ta' Lulju 2004 u dan ghaliex x-xhieda taghha mhux biss ma taqbilx max-xhieda tad-difiza izda lanqas ma dik ta' zewgha stess f'dettal importanti.

Filwaqt li Madeline Whitehouse tghid li l-imputat kellu z-zip tal-qalziet imnizzel u kien qed jilghab bil-parti genitali tieghu, zewgha Jeffrey Whitehouse jghid li l-imputat kellu s-*shorts* imnizzel. Il-konjugi Whitehouse jghidu li l-imputat ghamel dan il-gest oxxen ta' masturbar waqt li kien fl-ghalqa, faccata tal-gallarija taghhom fejn ghandhom il-pjanti, filwaqt li PS 1424 jghid li a tempo vergine tal-investigazzjoni Madeline Whitehouse qaltlu jew ahjar irrappurtatlu, li l-imputat kien fil-bitha tieghu.

L-imputat jichad din t-tezi u jghid li kien fl-ghalqa ma ohtu Rita Camilleri u wliedha sal-ghaxra w nofs ta' filghodu u binha Sammy Camilleri jghid li marru fl-ghalqa ghal habta tas-sebgha ta' filghodu. Illi l-pulizija ma ccekkjatx din l-alibi u cioe jekk verament sarx xi xoghol fl-ghalqa dakinhar. Rita Camilleri pero kkonfermat li kienet ma huha l-imputat dak l-hin stess tal-investigazzjoni.

**Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi tant konfliggenti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat GEORGE XUEREB hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------